**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

**Laqgħa tar-Regjun Xlokk**

**Laqgħa Nru. 07/2018 tat-Tielet Amministrazzjoni**

Data: 27 ta' Marzu 2018

Ħin: 17.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President u Sindku | Reġjun Xlokk/Kunsill Lokali Tarxien | PREŻENTI |
| **Sur Lawrence Attard** | Kunsillier | Kunsill Lokali Birgu | PREŻENTI |
| **Sra. Alison Zerafa Civelli** | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | SKUŻATA |
| **Sra. Davina Sammut Hili** | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | PREŻENTI |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | PREŻENTI |
| **Sur Clive Pulis** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Isla | SKUŻAT |
| **Sra Speranza Chircop** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | PREŻENTI |
| **Sur Francis Debono** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | ASSENTI |
| **Sur Horace Gauci** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | PREŻENTI |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Domenic Grima** | Sindku | Kunsill Lokali Paola | SKUZAT |
| **Sur Vince Farrugia** | Kunsillier | Kunsill Lokali Valletta | SKUZAT |
| **Sur Anthony Valvo** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | PREŻENTI |
| **Sur Marc Vella Bonnici** | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | ASSENTI |
| **Sinj. M. Doris Abela** | Sindku | Kunsill lokali Zejtun | PREŻENTI |
| **Sna Antonella Galea** | A/Segretarju Eżekuttiv | | |

## AĠENDA

07.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

07.3 Komunikazzjoni mill-President;

07.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

07.5 Rapporti;

07.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 78/2018;

07.7 Mozzjonijiet;

07.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**<u>TALBA</u>**

**Il-President qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 07.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

Ittri ta' Apoloġija

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li l-Kunsilli ta' Isla, Bormla, Paola u Valletta kienu avżaw sabiex jitolbu li jkunu skużati mil-laqgħa minħabba impenji oħra.

i.i Il-Kumitat Reġjonali Xlokk ħa nota u approva li l-Kunsilli ta' Isla, Bormla, Paola u Valletta jkunu skużati mil-laqgħa minħabba impenji oħra.

## 07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffirmar Minuti

i. Is-Sur Lawrence Attard, Kunsillier il-Birgu talab sabiex issir korrezzjoni f'parag. 07.4 numru 'i' u tiġi taqra *"....bħala Kunsill Birgu kienu rċevew fondi għall-attivita' kulturali li ssoltu jintużaw għal BirguFest fejn li ssoltu kienu jirċievu €15,000 din id-darba pero kien kellhom tnaqqis ta' €4000. Is-Sinj. M. Doris Abela Sindku taż-Żejtun qalet li huma wkoll kellhom tnaqqis ta' €2000 u għaldaqstant kienu rċevew €8,000 filwaqt li ssoltu kienu jirċievu €10,000..."*.

   Il-Kumitat unanimament qabel li ssir din il-korrezzjoni.

ii Sadanittant peress li l-Minuti tal-Laqgħa ta' Frar numru 07/2017 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

   Il-Kumitat approva l-Minuti 07/2017, liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mill-Agent Segretarju Eżekuttiv.

## 07.3 Komunikazzjoni mill-President

Każ Ex Seg. Eżek. Joan Mangion

**i.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri membri dwar il-każ tal-Ex Segretajru Eżekuttiv Joan Mangion. Qal li dan il-każ kien beda jinstema fil-QORTI nhar is-7 ta' Novembru 2017 fejn is-Sra Mangion kienet xehdet u tat il-verżjoni tagħha filwaqt li kienu leħqu xehdu wkoll is-Sur Anthony Valvo Sindku tax-Xgħajra kif ukoll s-Sur Adrian Mifsud Direttur DLG. Żied jispjega l-President li din il-kawża kienet ġiet differita għat-3 ta' April 2018. Is-Sindki Speranza Chircop u Horace Gauci u l-Viċi Sindku Clive Pulis infurmaw lill-President li huma wkoll kienu rċevew notifika tal-Qorti sabiex nhar it-3 ta' April 2018 jidhru u jagħtu x-xhieda tagħhom.

LESA

**ii.** Il-President nforma lill-Kumitat li l-LESA ma kenitx qed tħallas ir-*running costs* imma kienu qed jirrifondu biss is-salarji tal-impjegati. Żied jispjega li l-LESA qed jippretendu li nħallsuhom 10% fuq iċ-ċitazzjonijiet li jkunu mħallsa għandhom f'isem ir-Reġjun.

**ii.i** Is-Sindku tal-Floriana s-Sinj. Davina Sammut Hili rrapurtat li kienet għaddejja minn problema fil-lokalita' tagħha minħabba t-tiġdid ta' skema ta' parkeġġ. Żiedet tispjega li bħala Kunsill Lokali Floriana kien bgħatu Ċirkolari lir-residenti Furjaniżi fejn talbuhom li sa ċerta data kellhom jibdlu il-permess tal-parking. Qalet li ġara li dawk ir-residenti li ma kenux ġeddu l-permess sa dik it-tali ġurnata, l-LESA kienet qed tippretendi li tħarrikom. Huma bħala Kunsill Lokali kienu oġġezzjonaw għal dan.

Tenders

**iii.** Il-President nforma lill-Kumitat li t-tlett tenders li kellu miftugħa kienu kollha ġew aġġudikati u konna qed nistennew li l-kuntratturi magħżula jippreżentaw

l-Performance Guarantee sabiex b'hekk ikunu jistgħu jiġu ffirmati l-kuntratti rispettivi.

**iv.** Il-President Paul Farrugia nforma lill-Kumitat li l-ħaddiema assenjati mar-Reġjun Xlokk minn April kien ser imisshom imorru l-Kalkara u l-Fgura. Ħaddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali

**v.** Il-President Paul Farrugia spjega li kienu għadom għaddejjin bil-proġett tal-URBACT. Dawn il-laqgħat kienu qed isiru f'kull pajjiż li jipparteċipa fil-proġett. Il-President qal li hu kien lest li jibgħat biss lil min jipparteċipa fil-laqgħat tar-Reġjun għal dawn il-laqgħat. Informa lis-Sinjuri Membri li għal-laqgħa li kien imiss f'Nicosia ċ-Ċipru nhar l-14 u 15 ta' Mejju l-parteċipanti magħżula mir-Reġjun Xlokk kienu s-Sindku ta' M'Xlokk is-Sur Horace Gauci Is-Sindku tal-Kalkara s-Sinj. Speranza Chircop, Il-Kunsillier tal-Birgu s-Sur Lawrence Attard, il-Kunsillier ta' M'Skala s-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier ta' Ħal Tarxien is-Sur Ismael Dalli flimkien mas-Sur Malcolm Borg Heritage Ent. Consultancy URBACT

vi. Il-President informa lill-Kumitat li fir-rigward tal-inizjattiva finanzjarja ta' €500,000 li kellha tinqasam bejn il-ħames Reġjuni dwar għoti mill-ġdid ta' tarmak lill-toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali, kienet għad ma saritx il-laqgħa mad-Direttur Ġeneral, l-President tal-AKL flimkien miegħu sabiex tiġi ċċarata l-pożizzjoni tad-Dipartiment fejn qed jallega li l-fondi mgħoddija fil-kont bankarju tar-Reġjun Xlokk ma kenux intinżi għalih. Inizjattiva Finanzjarja – Għoti ta' Tarmak

**vii.** Il-President talab lill-Kumitat sabiex fil-Kunsilli rispettivi tagħhom jiddiskutu jekk kenux jaqblu li r-Reġjun jerġa joħroġ tender waħda għal street lighting u jekk bħala Kunsill kenux interessati li jissieħbu fih. Il-President fakkar li l-kuntratt attwali kien wasal biex jiskadi u għaldaqstant kelna nibdew naħsbu għal ħruġ ta' tender ġdida. Tender Street Lighting

vii.i Il-President nforma lill-Kumitat li kienu reġgħu ħarġu l-fondi tan-Norway Grants. Is-Sur Paul Farrugia qal li kien qabbad lill-Konsulent tagħna biex jiċċekkja x'fondi kien hemm relatati mal-proġett tar-Reachout Centre. F'dan ir-rigward il-Konsulent kien kiteb u talab lid-Dipt relatat u t-tweġiba li rċieva kienet li d-Dipartiment ma kienx jaf bihom dawn il-fondi. Sadanittant żied jispjega s-Sur Paul Farrugia li kien kellem lil ħaddiehor li kien qed jaħdmilna fuqhom hu. Norway Grants

**viii.** Il-President informa lill-Kumitat li kienet waslet talba mingħand id-Diviżjoni Gvern Lokali, permezz tal-Uffiċċju responsabbli mill-Affarijiet Ewropej u Internazzjonali, fejn dawn kienu qed jaħdmu flimkien ma' entitajiet Governattivi oħra fuq proġett taħt il-Programm LIFE+ li permezz tiegħu l-Kunsilli u/jew Reġjuni setgħu juru l-interess tagħhom sabiex kienu setgħu jinxtraw jew jinkrew vetturi elettriċi jew hybrid. Ma kull vettura kienu qed jitolbu wkoll li tinxtara *recharging station*. APPLIK VETTURA ELETTRICI

viii.i Il-Kumitat iddiskuta din il-proposta u unanimamentt qabel li nissottomettu l-proposta tagħna sabiex jinxtara vann hybrid għall-ġarr tal-persuni bejn lokalita' u oħra fil-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun Xlokk.

## 07.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

**i.** Is-Sinj. Davina Sammut Hili Sindku tal-Furjana talbet lill-President sabiex meta joqrob iż-żmien għall-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali jilħaq jagħmel komunikat mal-Ministru l-Onor Owen Bonnici u jitolbu sabiex fil-każ tal-Furjana jimxi bl-istess mod kif mexa fil-kwistjoni tal-Kunsill Lokali ta' San

Pawl il-Baħar biex b'hekk l-Partit li jġib l-akbar ammont ta' voti jkollu d-dritt għas-Sindakat. Żiedet tgħid li għalkemm fil-kunsill lokali tal-Furjana l-PL dejjem ġab l-iktar ammont ta' voti pero qatt ma kellu s-Sindakat.

**07.5 Rapporti**

**i.** Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa.

**07.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 78/2018**

i. L-Iskeda tal-Pagamenti 78/2018 giet approvata u giet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kumitat, mill-President u mill-A/Segretarju Eżekuttiv.

ii. Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti nkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**07.7 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**07.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 19:00hrs

ii. Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar **il-Ġimgħa 20 ta' April fil-5.00pm**

(IFFIRMATA)

*Kav. Paul Farrugia*
*President*

(IFFIRMATA)

*Antonella Galea*
*A/ Seg. Eżek*